# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 195/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**John Mamo**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Mamo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 146384M, talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9, Artiklu 18):

1. naqas li jobdi l-ordni tal-pulizija, meta avzat bil-fomm jew b'avviz bil-miktub sabiex tattendi l-Ghassa tal-Pulizija jew f'xi

post iehor indikat mill-Pulizija sabiex tipprezenta d-dokumenti mehtiega mill-istess Pulizija;

2. naqas li jaghti lil Marouska Mamo, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9, Artiklu 338 (z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-14 ta' Gunju 2021 li biha sabet lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant John Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2021 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant prezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-

fatt li huwa ghaddej minn perjodu difficli f'hajtu kif ukoll li l-piena kominata fil-konfront tieghu hi wahda esagerata;

2. Illi l-appellant ghamel referenza ghal sentenzi tal-Qrati taghna in sostenn tal-argument tieghu u fis-sottomissjonijiet orali taghha, l-abbli difensur tal-appellant fissret kif inhu aflitt minn sitwazzjoni finanzjarja preblematika u kien ghalhekk li baqa' inadempjenti fl-obbligi tieghu versu l-parte civili. Ezaminati l-atti processwali, izda, jemergi illi l-appellant kien mixli bir-reat principali b'citazzjoni biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-sena 2019 dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment li jmur lura minn Jannar 2018. Is-sentenza tal-ewwel Qorti kienet prolatata fl-14 ta' Gunju 2021 u ghalkemm l-imputat ma rregistra ebda ammissjoni dak pretiz mill-parte civile rrizulta dovut. Minn dakinhar l-imputat baqa' ma hallas ebda parti mill-manteniment dovut u l-appellant deher quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2021 u l-appell thalla ghas-sentenza ghal-lum 16 ta' Dicembru u minkejja li fis-sottomissjonijiet orali d-difensur tieghu ddikjarat li jidher li hu propens li jhallas l-Qorti mhix informata li sar xi hlas fil-mori;

3. Illi ghalkemm, minkejja l-pressjoni li saret fuq l-appellant fl-inizzju ta' dawn il-proceduri sabiex jonora l-obbligi tieghu konsistenti fil-hlas ta' manteniment kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), l-appellant xorta wahda baqa' inadempjenti. Kif wisq drabi ntqal minn din il-Qorti, r-raguni principali fil-promulgazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali kien proprju sabiex jaghmel pressjoni fuq min obbligat jobdi l-ordni tal-Qorti jew dik kontrattwali fil-hlas tal-manteniment. L-appellant inghata zmien aktar minn sufficjenti

sabiex almenu jibda jaghel xi forma ta' hlas izda dan baqa' ma avverax ruhu;

4. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tadopera l-mizura eccezzjonali li tissostiwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena u ma tara ebda rimedju iehor li jista' b'xi mod iwassal lill-appellant li jara x'jaghmel u jsib il-mezzi biex jottempera ruhu. Huwa minnu li mill-habs l-parte civile mhix ser tithallas ta' dak lilha dovut u s-sitwazzjoni ser tipperpetwa ruhha izda l-appellant ma jhalli l-ebda xelta lil din il-Qorti;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.